MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 521/1995/3

*Mary Calleja u Victor Calleja, zewgha*
*vs*
*Francis Scerri u b' digriet tad-9 ta' Jannar 1996 Dr.Raymond Zammit u l-PL.Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefra Carmen Grima xebba Scerri*

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li **ppremettew**: illi fit-2 ta' Mejju 1985 u 2 ta' April 1993 mietu rispettivament Maria Dolores Scerri u Saviour Scerri, genituri tal-kontendenti ad eccezzjoni ta' Victor Calleja; illi d-defunta omm ghamlet zewg testmenti 'unica charta' datati 19 ta' Lulju 1974 u 23 ta' Settembru 1977 rispettivament in atti Nutar Antoine Galea fejn oltre li halliet xi legati nnominat bhala eredi lill binha l-konvenut Francis Scerri; illi wara l-mewt ta' martu d-defunt missier ghamel zewg testmenti ohra datati 12 ta' Awissu 1986 atti

Nutar Anthony Attard u 20 ta' Jannar 1987 atti Nutar Victor Bisazza; illi wkoll l-istess decujus ghamel diversi kuntratti datati rispettivament 20 ta' Jannar 1987, 12 ta' Ottubru 1989 u 6 ta' Novembru 1990 ilkoll atti Nutar Victor Bisazza fejn inter alia kkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur versu l-atturi ghas-servigi minnhom rezi lilu; illi l-atturi ma jridux jibqghu jippossjedu in komuni mal-konvenuti l-ohra fejn dan hwua l-kaz u anzi jridu li jigu immessi fil-pussess tal-legati mhollija u assenjati lilhom hekk dovuti; **Talbu** li l-konvenuti jghidu ghalhekk ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-assijiet ereditarji ta' Maria Dolores Scerri u Salvatore Scerri kompriza l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom;
2. Timmetti lill-kontendenti fil-pussess tal-legati lilhom imhollija bid-diversi testmenti surreferiti;
3. Tassenja l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi lill-kontendenti;
4. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu u/jew jiddividu u jassenjaw lill-atturi dawk il-beni lilhom trasferiti mid-defunt missier kif ahjar dettaljat fil-kuntratt/I fuq imsemmija;
5. Tinnomina, jekk inhu l-kaz, periti ghall-fini tal-likwidazzjonijiet u divizzjonijiet mehtiega;
6. Tinnomina nutar ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt opportun u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri legali tal-15 ta' Dicembru 1990, 22 ta' Marzu 1991, 29 ta' Lulju 1991, 28 ta' Lulju 1993, 15 ta' Novembru 1993, 5 ta' Jannar 1994, 23 ta' Frar 1994, 28 ta' April 1994, 20 ta' Gunju 1994, 22 ta' Lulju 1994, 27 ta' Settembru 1994 u 19 ta' Dicembru 1994, kif ukoll tal-ittri ufficjali datati 17 ta' Mejju 1991 u 27 ta' Settembru 1993 kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Scerri li biha eccepixxa: Fl-ewwel lok l-intempestivita' tal-azzjoni inkwantu titlob id-divizjoni tal-wirt ta' Saviour Scerri billi l-konvenut ghandu qieghed jiddelibera ghandux jaccetta dan il-wirt jew le. Fit-tieni lok illi t-testment ta' Saviour

Scerri jilledi d-dritt tal-legittima spettanti lill-konvenut eccipjent li hu minn issa qed jirriserva.  Fit-tielet lok illi dwar il-qsim tal-wirt ta' Maria Dolores Scerri, salv il-verifika ta' kwoti u konsistenz tal-assi, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti – Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat li permezz ta' digriet moghti fid-9 ta' Jannar 1996, din il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr.Raymond Zammit u lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-assenti Carmen Scerri;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr.Raymond Zammit nomine li biha eccepixxa: 1. Illi hu mhux edott mill-fatti;  2.Illi huwa jitlob lill-atturi jaghtu l-indirizz ta' Carmen Grima xebba Scerri.;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat is-sentenza[1] preliminari ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, moghtija fis-26 ta' Jannar 2000 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**:
Permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qed jitolbu li jigu likwidati u divizi l-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejn Maria Dolores u Saviour konjugi Scerri, genituri tal-kontendenti, hlief tal-attur Victor Calleja;  u l-assijiet ereditarji tal-istess konjugi Scerri li mietu rispettivament fit-2 ta' Mejju 1985 u fit-2 ta' April 1993.

Illi matul hajjiethom il-konjugi Scerri ghamlu diversi testmenti, kemm unica charta kif ukoll singolari.  Mill-provi jirrizulta li Maria Dolores Scerri u Saviour Scerri ghamlu

[1] Fol.107 *et seq.*

zewg testmenti unica charta, wiehed fis-19 ta' Lulju 1974[2] u l-iehor fit-23 ta' Settembru 1977[3] fl-Atti tan-Nutar Antoine Galea; li permezz taghhom it-testaturi hallew prelegat lil binhom il-konvenut Francis Scerri, legati lill-attrici u lill-ohtha u nnominaw lill-istess Francis Scerri uniku eredi universali taghhom.

Illi wara l-mewt tal-imsemmija Maria Dolores Scerri, zewgha Saviour ghamel zewg testmenti ohra, wiehed fit-12 ta' Awissu 1986[4] in Atti Nutar Dr.Anthony Attard u l-iehor fl-20 ta' Jannar 1987 in Atti Nutar Dr.Victor Bisazza, fejn wara li halla prelegati u legati ohra lit- tlett uliedu, nnominahom eredi universali f' sehem indaqs kull wiehed.

Illi matul hajtu l-imsemmi Saviour Scerri ghamel tlett kuntratti in Atti Nutar Dr.Victor Bisazza biex jikkompensa lil attruri ghas-servigi prestati lilu wara l-mewt ta' martu. Dawn saru fl-20 ta' Jannar 1987[5], fit-12 ta' Ottubru 1989[6], u fis-6 ta' Novembru 1990[7] minn fejn jirrizulta li ghad fadal bilanc ta' Lm1,388.80 dovuti lill-atturi mill-assi ereditarju tieghu.

**Eccezzjonijiet**

Illi permezz ta' sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2000, giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Francis Scerri bazata fuq l-intempestivita' tal-azzjoni in kwantu huwa "ghadu qieghed jiddelibera" ghandux jaccetta l-wirt ta' missieru. Din il-Qorti cahdet din l-eccezzjoni u, b' referenza ghall-kontenut tal-Artikolu 881 sa 884 tal-Kap.16, ppreffiggiet "terminu sal-1 ta' Gunju 2000 sabiex il-konvenut jiddikjara jekk jaccettax l-eredita' ta' Salvatore Scerri".

Illi l-konvenut Scerri halla dan it-terminu jiskadi inutilment u fl-udjenza tal-24 ta' April 2001 huwa permezz tad-difensur tieghu talab "illi l-eredita' tal-mejjet missieru Salvatore Scerri, jaghzel li jitlob il-hlas tal-legittima dovuta

---

[2] Fol.22
[3] Fol.24
[4] Fol.27
[5] Fol.37
[6] Fol.42
[7] Fol.45

ilu".[8] In segwitu, man-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, huwa annetta kopja fotostatika ta' dikjarazzjoni maghmula fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Dicembru 2003 li biha rrinunzja ghall-eredita' ta' missieru Salvu Scerri u zamm ferm id-dritt tieghu ghal legittima.[9]

Illi l-vertenza li qamet f' dawn il-proceduri, konsegwenza tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tat-terminu prefiss mill-Qorti, hija jekk wara li l-konvenut halla dan it-terminu jiskadi inutilment setghax validament u legalment jirrinuzja ghal wirt bil-mod kif ghamel.

L-atturi isostnu li gia la darba gie prefiss terminu mill-Qorti, u l-konvenut naqas li jaghmel dikjarazzjoni, allura ghandu jsegwi li huwa accetta l-wirt ai termini tal-Artikoli tal-ligi citati minn din il-Qorti fis-sentenza preliminari. Il-konvenut minn naha tieghu qed isostni li ai termini tal-Artikolu 845[1] id-dritt biex tintalab il-legittima huwa soggett ghall-preskrizzjoni dicjennali, u stante li skond l-Artikolu 2108 il-preskrizzjoni li, hi ta' ordni pubbliku, ma tistax tigi rinuzjata minn qabel, allura, nonostante d-digriet tal-Qorti, il-konvenut dejjem kellu ghaxar snin mill-mewt ta' missieru u cioe' mit-2 ta' April 1992, sabiex jitlob il-legittima.

Illi in vena legali l-Qorti tosserva li kif enuncjat f' diversi sentenza ta' dawn il-Qrati, huwa principju fondamentali f' materja ta' interpretazzjoni ta' ligi, illi l-interpretazzjoni ta' artikolu tal-ligi m' ghandhiex tkun tali illi tiddistruggi l-operazzjoni ta' artikolu iehor fl-istess ligi.[10] Ghaldaqstant u b' applikazzjoni ta' dan il-principju d-dispost tal-Artikolu 845 [1] tal-Kap.16 m' ghandux jigi interpretat b' mod li jinnewtralizza ossia jistultifika l-effetti legali tal-kontenut tal-Artikolu 881 sa 884 tal-istess Kap u li fuqhom hija bazata d-decizjoni preliminari ta' din il-Qorti.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm l-Artikolu 845 [1] jiddisponi, inter alia, li l-azzjoni biex tintalab il-legittima tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-mewt tal-ftuh tas-successjoni, dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tipprefiggi terminu biex

[8] Fol.193
[9] Fol.331
[10] Vide ad exemplum – *PA [HH] Angelo Spiteri vs Consiglio Busuttil [1983] Vol.LXVII.II.193*

persuna nominata eredi tiddikjara jekk ser taccettax il-wirt jew le.  Din il-fakolta' hija moghtija espressament fl-Artikoli 882 sa 884.

Illi skond l-Artikolu 882 jekk werriet fi zmien tlett xhur, jew fi zmien iehor li jkun mgedded, mill-ftuh tas-succcessjoni jew minn dak in-nhar li jsir jaf li l-wirt imiss lilu, ma jkunx beda jew lesta l-inventarju "huwa jitqies li accetta l-wirt minghajr il-beneficcju ta' l-inventarju";  u l-Artikolu 884 jddisponi li jekk ikun hemm, bhal fil-kaz odjern, talba gudizzjarja kontra werriet illi fil-fat ma jkollux l-assi tal-wirt f' idejh u ma jkunx indahal fih, iz-zmien fuq indikat "sabiex hu jaghmel l-inventarju u jahsihba jekk ghandux jaccetta jew le, jibdew ghaddejjin biss mill-gurnata li tigi moghtija mill-Qorti."  L-istess Artikolu fis-sub inciz [2] ikompli jiddisponi li fejn ma hemmx talba gudizzjarja il-perijodu koncess lill-werriet sabiex jaghmel l-inventarju huwa estiz sa l-ahhar tal-perijodu preskrittiv id-dritt ghall-accettazzjoni tal-eredita'.

Illi mill-premess ghandu jirrizulta car u logiku li fejn hemm talba gudizzjarja d-dritt u l-werriet ma jkunx indahal fil-wirt, it-terminu sabiex jaghmel l-inventarju u "jahsiba jekk ghandux jaccetta [il-wirt] jew le" jibda jiddekorri **mill-gurnata li tipprefiggi l-Qorti**, fil-kaz odjern hija l-1 ta' Gunju 2000;  u fil-kaz li l-werriet koncernat, bhal fil-kaz odjern, ihalli dan it-terminu u t-terminu ulterjuri indikati fl-artikolu 882 jiskadu inutilment, allura jiskatta fil-konfront tieghu dak kontemplat fl-istess artikolu u cioe' "huwa jitqies li accetta l-wirt minghajr il-beneficju tal-inventarju".[11]

Illi ghalhekk it-tesi tal-konvenut Francis Scerri li huwa, **f' kull kaz**, ghandu perijodu ta' 10 snin sabiex jiddikjara li ser jrrinunzja ghal wirt, mhix konfortata mill-ligi, anzi hija mminata serjament mill-istess ligi li espressament tikkontempla kazijiet fejn it-terminu huwa ferm anqas. Ghaldaqstant ir-rinunzja maghmula minn dan il-konvenut fit-2 ta' Dicembru 2003 [il' fuq minn 10 mill-mewt ta' missieru], ghalkemm maghmula fil-forma preskritta *ad validitatem* mill-ligi, ma jista' jkollha ebda effett fil-ligi,

[11] Sottolinear mizjud

stante li l-konvenut in forza tal-Artikolu 882 huwa meqjus li diga' accetta l-eredita' ferm qabel ir-rinunzja, u l-accettazzjoni ta' eredita' teskludi l-possibilita' ta' rinunzja sussegwenti tal-istess, hlief fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 858 liema kazijiet ma jkkonfigurawx fil-kaz odjern.

Illi in konkluzjoni l-Qorti tosserva li t-tieni eccezzjoni hija nfondata, u l-istess konvenut ghandu jitqies li accetta l-wirt ta' missieru u fid-divizjoni odjerna ghandu jigi konsiderat bhala eredi universali flimkien ma' hutu, skond it-testmenti fuq indikati.

**Konsistenza tal-Assi**

Illi l-attrici Mary Calleja pprezentat prospetti[12] redatti u mahlufa mill-Prokuratur Legali Joseph Priviteri indikanti l-assi, attiv u passiv, tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konjugi Scerri; l-assi ereditarju ta' Maria Dolores Scerri fid-data tal-mewt taghha, u l-assi ereditarju ta' Saviour Scerri fid-data tal-mewt tieghu. Dawn il-prospetti jikkontjenu deskrizzjoni dettaljata tal-proprjetajiet kif ukoll tal-valuri rispettivi taghhom fid-data tal-mewt tad-decujus, liema valura ma gewx kontestati.

Illi l-Qorti esaminat bir-reqqa dawn il-prospetti fid-dawl tal-provi dokumentarji migjuba u hija tal-fehma li ghandha tikkonsidrahom bhala li jirrappresentaw stampa korretta tal-assijiet in disamina u bhala tali ghandha tikkonsiderahom b' mod li jifformaw bazi affidabbli ghad-divizjoni tal-istess assijiet.

**Assenjazzjoni**

Illi l-konjugi Maria Dolores u Saviour Scerri ghamlu zewg testmenti unica charta fl-Atti tan-Nutar Antoine Galea, datati 19 ta' Lulju 1974 u 29 ta' Settembru 1977. Sussegwentement, wara l-mewt ta' martu, Saviour Scerri ghamel zewg testmenti datati 12 ta' Awissu 1986 u 20 ta' Jannar 1987 fejn, wara li ghamel xi modifiki ghat-testmenti precedenti tieghu rigward l-assi ereditarju tieghu, ikkonferma l-istess ghall-kumplament.[13]

---

[12] Doki. MVC-2/3 Fols.,208 *et seq.*
[13] Testment 21 ta' Awissu 1986 Fol.31

*Mary Calleja* – Illi in forza tat-testmenti unica charta fuq indikati din wirtet mill-assi ereditarju ta' ommha b' titolu ta' legat il-fond bl-isem **Marvic f' Naxxar Road San Gwann**, kif deskritt fit-testment tas-19 ta' Lulju 1974, fkimkien ma' **nofs l-arja** fuq l-istess pjan terren minn naha tal-Lvant fit-termini tal-istess Att. Dan il-legat gie mholli lill-attrici *"a saldu u in totali sodisfazzjoni ta' sehema fuq is-successjonijiet tal-istess testaturi'.*[14]

Illi sussegwentement u in forza ta' testment tat-12 ta' Awissu 1986 Saviour Scerri halla lill-istess Mary Calleja bhala prelegat remuneratorju **in-nofs indiviz tal-arja** sovrastanti l-imsemmi terran, liema arja qieghda fuq in-naha tal-Punent, u fl-istess testment iddikjara li huwa jaf li din hija *res aliena* ghall-assi ereditarju tieghu stante li tappartjeni lill-assi ta' martu.[15]

Illi inoltre, l-assi ereditarju ta' missierha Saviour Scerri huwa debitur fil-konfront taghha fl-ammonti ta' **Lm1,388** u ta' **Lm177** kif indikat fl-imsemmija prospetti u b' referenza ghall-kuntratt maghmul fis-6 ta' Novembru 1990 fl-Atti tan-Nutar Dr.Victor Bisazza. Dawn l-ammont jirrepresentaw kumpens ghas-servigi resi mill-atturi lill-istess Saviour Scerri wara l-mewt ta' martu.

In fine, permezz tat-testment tat-12 ta' Awissu 1986 hija gie nominata werrieta universali tal-assi ereditarju ta' missierha fi kwota ta' terz [1/3].

*Francis Scerri* – Illi in forza tat-testmenti unica charta maghmula mill-genituri tieghu, gie mholli lill-konvenut Francis Scerri b' titolu ta' prelegat id-dar residenzjali taghhom numru **1 St.Paul'Street c/w St.Michael Street San Gwann**, kif ukoll **"l-affarijiet kollha mobili** "a limine intus" li jinsabu f' din id-dar. Dawn l-oggetti jinsabu deskritti fl-imsemmija prospetti.[16]

Illi jidher mill-atti li Francis Scerri kien ghamel kuntratt ta' kompravendita tal-imsemmi post qabel il-mewt tal-genituri

[14] Fol.22
[15] L-Ewwel Artikolu Fol.28
[16] Dok.MDSS Fol.212

tieghu, u skond it-testment tat-12 ta' Awissu 1986 Saviour Scerri halla lill-istess ibnu b' titolu ta' prelegat "kwalunkwe somma ta' flus li l-istess Francis Scerri ghandu jhallasu bhala bilanc tal-prezz tal-fond" [17]

Illi inoltre, bl-istess testment unica charta ta-29 ta' Settembru 1977 huwa gie nominat werriet universali tal-assi ereditarju ta' ommu Maria Dolores Scerri, u ghalhekk, wara li jinqata' l-passiv tal-eredita' u jithallsu l-legati kollha, ir-rimanenti proprjeta' kif indikata fil-prospett Dok.MVC-2 tiddevolvi fuq dan il-konvenut.

Illi l-istess Francis Scerri ghandu kreditu versu l-assi ereditarju ta' missieru fl-ammont ta' **Lm645.83** kif indikat u spjegat fil-prospett relattiv a fol.214 tal-process.

In fine, permezz tat-testment tat-12 ta' Awissu 1986 l-istess Francis Scerri gie nominata werrieta universali tal-assi ereditarju ta' missieru fi kwota ta' terz [1/3].

*Carmen Grima* – Illi in forza tat-testmenti unica charta tal-genituri taghha, gie mholli lil din il-kontendenti b' titolu ta' legat u "a saldu u in totali sodisfazzjoni ta' sehmha fuq is-successjonijiet tal-istess testaturi" **bicca art Tal-Imsierah f' Naxxar Road San Gwann** kif deskritta fl-istess testment tat-23 ta' Settembru 1977, kif ukoll il-**hanut numru 1 St.Paul' s Street kantuniera ma' Naxxar Road f' San Gwann**.[18]

Illi pero' ghandu jinghad li matul hajtu Saviour Scerri ttrasferixxa lill-attrici Mary Calleja in-nofs indiviz tieghu ta' dan il-fond, permezz tal-kuntratt datat 6 ta' Novembru 1990 fuq citat; u ghalhekk Carmen Grima ghandha biss **nofs indiviz** ta' dan il-fond, u cioe' dik il-parti appartenenti l-assi ereditarju ta' ommha.

Illi in forza tat-testment tat-12 ta' Awissu 1986, maghmul minn missierha giet mholli lill-Carmen Grima b' titolu ta' prelegat "kwalunkwe somma ta' flus li huwa batilha minn

[17] Tieni Artikolu Fol.29
[18] Tielet Artikolu Fol.25

zmien ghall-zmien in konnessjoni mal-hanut li qieghed San Gwann Triq San Pawl li jgib l-isem Pot and Plant".[19]

In fine, permezz tal-istess testement hija gie nominata werrieta universali tal-assi ereditarju ta' missierha fi kwota ta' terz [1/3].

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**
Illi fl-affidavits tieghu l-konvenut Francis Scerri ghamel diversi ilmenti. Illi l-ilmenti li jrriferu ghad-depositi bankarji u ghal sehmu mill-prezz ta' l-art Tad-Delli huma nfondati stante li kif jirrizulta mill-prospetti fuq indikati, dawn l-ammonti gew debitament inseriti, kif jixhdu l-paritit A1, A3 u A4 u B2 tad-Dok.MVC-2, anki fl-assi ereditarju ta' ommu li tieghu huwa werriet universali kif fuq spejgat.

Illi rigward nofs l-arja indiviza [tan-naha tal-punent] sovrastanti l-fond Marvic, il-Qorti tosserva li huwa minnu li dina kienet tappartjeni lill-assi ereditarju ta' ommu li tieghu Francis Scerri huwa werriet universali, izda mill-banda l-ohra il-ligi fl-Artikolu 696 tal-Kap.16 tippermetti dan it-tip ta' legat purche' it-testatur jiddikjara li huwa jaf li l-oggett tal-legat mhuwiex proprjeta' tieghu. F' dan il-kaz l-eredi ghandu jew jakkwista l-oggett biex jikkonsenjah lill-legatarju, jew jhallas il-prezz gust tieghu. Ghalhekk f' dan il-kaz, la darba saret mit-testatur Saviour Scerri d-dikjarazzjoni rikjesta mill-ligi, allura dan il-legat huwa validu; u la darba l-istess Francis Scerri huwa ko-eredi tal-wirt ta' missieru huwa ghandu l-obbligu li jikkonsenja dan il-legat.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u, kif indikat fil-korp ta' din is-sentenza u ai termini tal-istess, tillikwida l-assijiet ereditarji tal-konjugi Maria Dolores u Saviour Scerri kompriza l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejniethom, timmetti lill-kontendenti tal-legati lilhom inhollija, tassenja l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi lill-

[19] Tielet Artikolu Fol.30

kontendenti, tordna l-hlasijiet tal-krediti dovuti; u tinnomina lin-Nutar Dr Carmel Martinelli biex, fi zmien tlett xhur mill-lum, jirevi l-att relattiv f' data, post u hin mghazul minnu, u tinnomina lill-Avukatessa Dr.Veronica Aquilina bhal kuratur sabiex tidher ghall-kontumaci jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez a karku tal-kontendetni skond ir-rispettivi kwoti..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------